

# L-Istendard tal-Battalja bl-Immaġni tal-Kunċizzjoni

**Joseph Muscat u Simon Mercieca**

Fil-knisja kolleġġjata ta' Bormla jeżisti ventartal antik bl-immaġni tal-Kunċizzjoni. Jingħad li dan il-ventartal kien oriġinarjament stendard żgħir tal-purċissjoni. Meta wieħed jarah sew jinduna mill-ewwel li dan kien stendard partikolari ħafna għaliex il-qies tiegħu hu ħafna iċken mill-istendardi li llum normalment nassoċċjaw mal-purċissjonijiet reliġjużi. Ma hemmx dubju li bħala qies u forma dan l-istendard ġie ispirat minn xi stendardi oħrajn. F'dan l-istudju ser ikun esplorat stendard partikolari li kien użat fuq il-bastimenti Kristjani matul l-epoka moderna.

In-nies tat-tlett ibliet u l-belt Valletta kienu mdorrijin jaraw kull tip ta' bnadar, bandalori u stendardi jperpru fuq il-bastimenti ta' Nazzjonijiet Kristjani u fuq dawk tal-Ordni ta' Malta ġewwa l-Port il-Kbir. Illum din it-tradizzjoni kompliet għaliex il-mudelli ta' dawn il-bnadar, stendardi u bandalori ġiet esportata għall-festi reliġjużi li jkunu organizzati f'pajjiżna ta' kull sena kemm fl-ibliet u l-irħula tagħna. Hekk per eżempju, l-użu tal-bandalori jaf l-oriġini tiegħu fuq il-galeri tal-Ordni tal-Kavallieri. Dawn kienu jitwaħħlu mal-antenna tal-qlugħ meta kien ikun perjodu ta' festa jew ċelebrazzjoni.



**Manuskritt tal-Bibijoteka ta' Malta numru 627 li fih akwarelli ta' ċertu Zimelli. Jidher kif kienet tkun armata galera f'mument ta' festa fil-port.**

Biss kien hemm stendard u bnadar oħrajn li ma kinux ittellgħuhom meta l-bastimenti kienu jkunu fil-port. Stendard partikolari li kien jittella' f'mument partikolari kien magħruf bħala "lo stendardo di battaglia". Dan l-istendard kien ta' qies partikolari, jispiċċa għat-tond u kien jintuża kemm mill-bastimenti Kristjani u kemm dawk Misilmin. Dawk Kristjani kienu jkunu ta' kulur aħmar u ħafna drabi kien ikollhom xi immaġni sagra, stemmi, eraldi jew anki kuluri profani. Kemm l-ikonografiji sagri u l-istemmi kienu jiġu rrakkmati jew impittra fuq id-drapp tal-istendard. Xi drabi kienet issir ukoll bordura ta' rakkmu mad-dawra kollha

tat-tarf tiegħu. L-għażla tal-kulur aħmar għal dawn l-istendardi ma kinetx waħda arbitrarja. L-aħmar huwa l-lewn fil-vessoloġija (jiġifieri l-istudju dwar il-bnadar) li jesprimi periklu jew ġlied, bħalma l-iswed juri l-mewt u l-abjad il-paċi.[1]



Stendard tal-Battalja ta' ġeneral Tork. Dan jinsab ġewwa Cortona.

Dan kien iperper fuq l-aktar bastiment importanti tal-flotta jew l-iskwadra tal-baħar. Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn stendard u bandiera li kienu jidhru fuq il-bastimenti. Bandiera kienet titla' kullimkien fuq bastiment u kellha għamla kwadra waqt li stendard tal-battalja kien iżjed tawwali u ikbar u kellu it-tul tiegħu ta' wisa' u nofs.[2] Anki d-drapp tiegħu kien ikun fin bħal ngħidu aħna ħarir, damask jew għażel. Kull ġeneral, irrispettivament jekk kienx Kristjan jew Musulman, kien jagħmel disinn jew immaġni li jogħġob lilu.

Fil-każ tal-kavallieri ta' San Ġwann, l-istendard kien isegwi l-prassi wżata fl-Ewropa Kattolika f'dik il-ħabta. Dan kien dejjem jidher in-naħa tal-lemin tal-kabina tal-poppa u jieħu post l-istendard tal-Ordni, jiġifieri dak tas-salib abjad fuq sfond aħmar li kien jittella' meta l-flotta kienet tkun qed tbaħħar. Għalhekk, meta l-iskwadra tal-kavallieri kienet toħroġ jew tidħol fil-port, l-istendard użat kien ikun dak tal-Ordni, jiġifieri magħmul minn Salib abjad fuq sfond aħmar. Dan kont tarah iperper fuq il-kapitana, li kienet l-aktar galera importanti tal-Kavallieri għaliex kienet il-bastiment tal-ġeneral tal-iskwadra tal-Ordni.



Il-galera Kapitana tal-Gran Mastri Nicholas u Raffaele Cottoner. Armata bil-bnadar. Jidher l-istendard tal-Ordni armat mal-kabina tal-Poppa.

Dan l-istendard tas-salib abjad kien jitniżżel hekk kif l-iskwadra tal-galeri kienet tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-għadu. Minfloku kien jittella' dan l-istendard *di Battaglia*. Kif dan l-istendard kien jidher fuq il-kapitana, kien ikun is-sinjal għall-bqija tal-galeri tal-iskwadra tal-Ordni biex jibda l-ħbit fuq il-bastiment jew bastimenti tal-għadu.[3]

Il-kavallieri ta' Malta kienu u għadhom ordni reliġjuż u militari,[4] u bħal kull struttura ta' dan it-tip kellha u għad għandha l-istatuti tagħha. Meta ġew f'pajjiżna kienu jħarsu lill-missirijietna mill-

attakki tal-Mislem li kien jaħbat għal xtutna biex jieħu lill-familji tagħna fil-jasar. Biex ikunu jistgħu jagħmlu dan id-dmir ta' difiża, kienu anki waqqfu skwadra tagħhom ħalli jkunu jistgħu jiddefendu u jattakkaw lill-kursara u jaqbduhom fuq il-baħar, biex b'hekk l-istess kursari ma jkunux jistgħu jilħqu lil pajjiżna.[5] Din ma kinetx ħidma faċli. Bħala pulizija tal-baħar Mediterran, il-kavallieri u l-Maltin kellhom bilfors jispiċċaw jiġġieldu mal-Misilmin. Fost il-bastimenti u qxur tal-baħar użati għal dawn l-operazzjonijiet kien hemm il-galeri.

L-iskwadra tal-galeri tal-Ordni kienet titmexxa mill-ġeneral li kien dejjem jimbarka fuq il-kapitana jew il-'flagship' tal-iskwadra. Wara s-sena 1625[6], din il-galera dejjem kienet tinżeba' sewda u fuqha jidhru s-sinjali kollha meħtieġa għal matul t-tbaħħir fil-Mediterran, sew għad-dawl tax-xemx u għal bil-lejl ukoll.

Ftit illum jafu li waqt dawn il-battalji bejn il-galeri tal-Ordni u dawk Misilmin, il-kavallieri kienu jafdaw il-protezzjoni tagħhom f'idejn Alla u San Ġwann Battista. Biss insibu wkoll li kellhom devozzjoni partikolari lejn il-Madonna. Matul il-perjodu tal-kavallieri f'Malta, bdiet tikber mal-Mediterran Kristjan kollu d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni. Il-kavallieri jibdew huma wkoll inisslu din id-devozzjoni u jxerrduha fost il-membri ta' ekwipaġġi tagħhom.

Ġeneralment l-ebda attakk qatt ma seħħ għal għarrieda iżda kien jimxi ma' sekwenza ta' attivitajiet mill-galeri. Hekk kif fuq ix-xefaq ifiġġ xi bastiment, l-għassies minn fuq il-quċċata tal-arblu jew tal-antenna kien jagħti l-aħbar lil sħabu fuq il-gverta.[7] Jekk jidher bastiment ta' qlugħ kwadru tista' tgħid li jkun wieħed tal-merkanzija iżda meta jkun ta' qlugħ latin dak kien jiġbed attenzjoni speċjali billi bosta drabi jkun ħafif, jista' jiskappa malajr u aktarx ikun wieħed tal-Mislem.

Fil-każ li jkun tal-Mislem, il-ġeneral kien jagħti s-sinjal biex tibda l-ġirja biex jinqabad dak il-bastiment[8]. Meta ma kinux ikunu ċerti dwar l-identità tiegħu, xorta waħda kienu jibdew il-ġirja. Minn mindu l-Għarab daħlu fil-Mediterran fis-seklu sebgħa bi programm ċar li jeqirdu lill-Insara, għaliex iqisuhom eretiċi minħabba l-użu tal-immaġni u statwi fil-liturġija tagħhom, beda stat ta' gwerra dejjiema bejn is-salib u n-nofs qamar. L-insara kellhom bilfors jiddefendu ruħhom, isiru gwerriera, xi ħaġa li ma kinetx qabel parti minn twemminhom.



**Dettal minn kwadru ex-voto. L-iskwadra tal-Galeri immexxija mill-Kapitana. Tidher miżbugħa sewda.**

Ma kienx każ rari, li l-għadu ġieli pprova jqarraq billi jtella' bandiera falza; għal din ir-raġuni il-galeri tal-Ordni ma kienu jafdaw lil ħadd u ħafna drabi kienu jwaqqfu anki bastimenti nsara ħalli jkunu żguri li kienu Kristjani u mhux Misilmin li qed jinħbew wara paraventu Kristjan. Min jaf kemm-il darba ġara li l-galeri tal-Ordni għaddew sigħat sħaħ ta' ġiri wara xi bastiment li wara li jilħquh isibu li jkun wieħed tal-Insara.[9]

Mela, hekk kif il-ġeneral tal-galeri jaċċerta ruħu li għandu quddiemu xi mirkeb tal-Mislem, joħroġ l-ordnijiet meħtieġa għal attakk. Kienet tittella' bandiera bl-ikonografija ta' Santa Barbara bħal sinjal biex il-bastimenti tal-iskwadra kollha jħejju għall-ġlieda.[10] Hija kienet tittella' fuq it-toqqala jew ras l-arblu tat-trinkett. Ma' dan is-sinjal, kienu jtellgħu l-armi fuq il-gverta,[11] itellgħu l-ilqugħ tal-injam fuq ir-rambata u l-pavisati tal-injam ukoll mal-filaretti jew il-ġnub tal-galeri.[12] L-ilsiera jorbtulhom idejhom bil-manetti[13] barra l-katina li jkollhom ma' sieq waħda, jitniżżel il-qlugħ u jorbtu doppjament l-antenni biex jiżguraw li ebda waħda minnhom, jekk tintlaqat b'xi tir ta' kanun, ma taqax fuq il-gverta. Wara li jkun kollox lest, ikun jonqos biss li l-għadu juri wiċċu u jtella' l-bnadar tiegħu bħala sfida kontra l-kavallieri u sinjal ċar li ma kienx lest li jċedi. Allura l-ġeneral itella' l-istendard tiegħu tal-battalja. F'kodiċi ta' sinjali marittimi tal-Ordni ta' San Ġwann li jinsab fil-Biblijoteka ta' Malta jitkellem li meta kien jinfirex dan l-istendard kulħadd kien jibda jitlob l-għajnuna t'Alla u mbagħad jibda l-ħbit fuq l-għadu.


Ġeneral tal-galeri

Jekk wieħed jara l-manuskritti antiki tal-kavallieri, jiġifieri dawk il-kotba qodma li huma minjiera ta' informazzjoni fuq l-istorja ta' pajjiżna, isib li kien hemm numru ta' sinjali li kienu jintużaw fuq il-galeri tal-Ordni. It-tagħrif dwar l-istendardi tal-Ordni nafuhom minn kotba, magħrufa bħala kodiċi, miktuba normalment minn Kavallieri li kienu huma nfushom baħħara. Dawn is-sinjali kienu jingħataw fost l-oħrajn permezz ta' bnadar li kellhom kuluri u immaġni partikolari u kull kulur u immaġni kienet tfisser xi ħaġa li magħha kien hemm marbuta manuvra fuq il-baħar. F'dawn il-manuskritti joħroġ ċar li fost l-immaġni wżati fuq dan l-istendard tal-battalja insibu dik tax-xbieha tal-Kunċizzjoni.

Fuq kollox, dawn il-kodiċi marittimi li għandhom referenza għall-immaġni tal-Kunċizzjoni jew immaġni kemm reliġjużi jew profani magħmula minn akwarelli jmorru lura għas-seklu tmintax. Biss dan ma jfissirx li qabel din id-data ma kienx hemm l-użu ta' immaġni reliġjużi u stemmi fuq dawn l-istendardi. Jeżistu referenzi f'manuskritti (iżda mhux akkumpanjati bl- immaġni) tal-użu ta' dan l-istendard, inkluż dawk bi xbieha tal-Kunċizzjoni u stemmi eraldiċi fis-seklu sbatax.

Dan juri kemm kienet antika u profonda id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni fost il-baħħara Nsara fil-Mediterran. Min-naħa tagħHa, wieħed irid jgħid li l-Madonna żgur li żammet ħarsitha fuqhom għaliex ftit ħafna kienu dawk il-każijiet li fihom il-kavallieri ħarġu telliefa fuq il-baħar. Mill-informazzjoni eżistenti, huma tilfu biss erba' battalji bil-galeri fuq il-baħar f'268 sena ta' storja f'Malta waqt li rebħu jew ħadu bi priża 'il fuq min 150 biċċa tal-baħar. Dan wassal biex il-kavallieri saħħew id-devozzjoni tagħhom lejn il-Kunċizzjoni u mhux l-ewwel darba li ġenerali tal-iskwadri tagħhom għażluha

bħala l-protettriċi meta huma kienu jivvjaġġaw u biex juru lil kulħadd din id-devozzjoni kbira li huma kellhom lejn il-Kunċizzjoni bdew iġibu l-immaġni tagħha fuq l-aktar stendard importanti tal-iskwadra tagħhom, jiġifieri fuq *lo Standardo di Battaglia*.

Niftehmu, il-Kunċizzjoni ma kinetx l-unika immaġni sagra wżata għal dawn l-istendardi. Dan l-istendard kien wieħed soġġettiv ħafna għaliex l-immaġni li kienet titpinġa fuqu kienet l-għażla personali tal-ġeneral tal-istess skwadra. Kull ġeneral kien jagħżel l-immaġni li jrid hu. Għalhekk insibu immaġni oħra sagri u anki disinji purament profani għal dan l-istendard. Per eżempju, immaġni oħra wżata kienet dik tal-Kurċifiss.



Stendard ta' Battalja bl-immaġni tal-Kunċifiss. Kopja awtentika magħmul minn Joseph Muscat fuq il-kodiċi magħmul fi żmien il-Gran Mastru Pinto. Kollezzjoni Privata.

F'kollezzjoni privata jeżisti kodiċi ta' sinjali ta' fuq il-galeri tal-Ordni ta' San Ġwann. Billi dan iġib fl-ewwel folja tiegħu arma tal-Gran Mastru Pinto nirreferu għalih bħala l-kodiċi ta' Pinto.[14] Fil-folja *Segni di Combatto*, sinjal tal-baħar numru 65, insibu *Stendardo di Battaglia*. Dan juri stendard tad-damask aħmar bil-bordura dawramejt safra jew forsi kienet ukoll irrakkmata bid-deheb. Jidher is-salib waħdu n-naħa tal-arblu mdawwar b'kuruna tax-xewk u l-isfond tiegħu hu magħmul minn raġġi tad-deheb. In-naħa t'isfel tas-salib tara feles kull naħa tiegħu biex bħallikieku jżomm f'postu. In-naħa ta' barra tal-bandiera tara l-armi tar-Reliġjon u ta' Pinto taħt kuruna miftuħa u mal-ġenb tal-armi hemm żewġ bnadar kull naħa li diffiċli tgħid x'jirrappreżentaw. Wieħed ma jridx jinsa li dan ix-xogħol kollu tal-istendard hu rakkmu; jista' wieħed jaħseb kemm kien sabiħ!

Xi ġenerali kienu jippreferixxu stendardi li fuqhom ma kellhom l-ebda immaġni reliġjuża. Fil-Biblijoteka tal-Belt insibu manuskritt tas-sinjali li juri l-istendard tal-battalja differenti minn dawn li diġà semmejna.[15] Dan l-istendard iġib in-numru 68. Hu magħmul minn strixxi orizzontali; erbgħa ħomor u tlieta sofor. Mill-bqija ma fih xejn speċjali u forsi kien wieħed magħmul għall-Ordni u mhux speċifikament għal xi ġeneral tal-galeri. L-istess għamla ta' dan l-istendard tal-battalja tidher f'kodiċi ieħor tas-sinjali għall-galeri ta' Malta li jinsab fil-Biblijoteka Irjali ta' Turin. In-numru li jġib dan is-sinjal huma wkoll numru 68 u għalhekk jidher ċar li l-kodiċi ta' Turin hu kopja ta' dak li wieħed isib fil-Biblijoteka ta' Malta.

Ma ninsewx li stendard kien jagħti impressjoni ta' ġieħ, kobor u prestiġju lill-ġeneral li jtellgħu fuq il-kapitana tiegħu. Dan ngħiduh mhux biss għal xi ġeneral tal-Ordni ta' San Ġwann iżda wkoll għal oħrajn, sew Insara kif ukoll Misilmin. Għalhekk ir-rikkezza ta' dan l-istendard kienet maħsuba biex tkompli ssaħħaħ dan l-aspett u dan jispjega għalfejn xi ġenerali anki kienu jqegħdu armi eraldiċi personali fuqhom.


Dettall: L-istendard tal-battalja magħmul minn strixxi ħomor u sofor.

Iżda waqt li l-Kurċifiss kien fih innifsu simbolu Kristjan, l-immaġni tal-Kunċizzjoni kellha dawk is-simboli kollha li jagħmluha addattata biex tkun fuq stendardi tal-battalja li jintużaw fi ġlieda kontra l-Mislem. Ikonografikament, l-immaġni tal-Kunċizzjoni hija ta' tfajla bil-wieqfa f'pożizzjoni li qed titlob, bir-

raġġi ħerġin minn warajha, b'sieq waħda fuq il-qamar u bl-oħra tisħaq ras is-serp. Din l-immaġni, b'mod partikolari il-preżenza tas-serp u l-qamar bdiet tittieħed bħala "a good omen" li jawgura r-rebħa tal-Insara fuq il-Mislem li kien imxebbah max-xitan.

Fl-ikonografija Kristjana, is-serp jirrappreżenta lix-xitan minħabba r-referenza fil-ktieb tal-Ġenesi, fejn is-serp hu mqabbel max-xitan. Din l-istorja tal-Ġenesi kienet tinqara fil-passat li għad tiġi mara u tisħaq ras is-serp. Din il-mara ġiet identifikata fil-Madonna u għalhekk il-Kunċizzjoni kienet u għadha tinġieb tisħaq ras is-serp. Aktar riċenti lejna, din ir-referenza Biblika ġiet korretta u l-persuna li issa qed tkun identifika bħala dik li tisħaq ras is-serp, bħala waħda maskili. Qabel kien jinkiteb li "hi (jiġifieri il-Madonna) tisħaqlu rasu". Wara l-korrezzjoni li saret, qed jinkiteb li hu (jiġifieri Kristu) jisħaqlu rasu. Hawnhekk qed nitkellmu fuq teknikalità fl-istudju Bibbliku li ma tibdel xejn mill-fidi tagħna għaliex fuq kollox, il-Madonna ġarret f'ġufHa lil Kristu u biex setgħet tagħmel dan, ġa mill-konċepiment tagħHa, u minn dejjem, kienet ippredestinata li tkun Immakulata.

Min-naħa l-oħra, l-allużjoni għax-xemx u l-qamar ġejja mill-ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu għad-dehra ta' Marija li titqabbel għad-dija tagħha max-xemx, li tagħtina d-dawl tal-jum u l-qamar, li hu s-sors ta' dawl għal-lejl. Għalhekk il-Kunċizzjoni bdiet ukoll tinġieb b'raġġiera ta' dawl minn warajha li tittieħed li tfisser l-immaġni viżiva tax-xemx. Fuq kollox, San Ġwann jużahom żgur bħala metafora ta' qawwa għaliex fi żmienu kienu simboli ta' qawwa militari. Allura ma għandu x'jaqsam xejn mal-imperu Tork li daħħalhom bħala simbolu tiegħu 1300 sena wara l-kitba tal-ktieb tal-Apokalissi.

Ikun biss minħabba inċident storiku, li l-qamar isir simbolu Tork u eventwalment anki Islamiku. Il-qamar u x-xemx kienu oriġinarjament simboli wżati fid-dinja klassika mill-armati tal-Lvant. Ir-Rumani komplew għamlu użu minnhom fuq it-tarki tagħhom. Wara il-Kristjanizzazzjoni tal-Imperu, saru simboli wżati mill-armati tal-Kristjani ta' Konstantinopli. Wara l-waqgħa ta' Konstantinopli f'idejn it-Torok fl-1453, dan is-simbolu tan-nofs qamar spiċċa simbolu Tork.[16] Biss wieħed jinnota li bdiet issir konnessjoni, għallinqas popolari bejn il-qamar ta' taħt il-Madonna u l-qamar fl-arma tal-Imperu Ottoman, għaliex fir-rappreżentazzjoni tal-Kunċizzjoni fl-istendardi tal-battalja Kristjani, il-qamar sibnieh dejjem mogħti biż-żewġt iqrun tiegħu iħarsu 'l fuq u qatt ma ġie mogħti jħares l-isfel.

Fil-kodiċi tal-Kavallier Spinola, illum esebit fil-Mużew Marittimu ta' Malta, wieħed jista' jara l-istendard tal-battalja bix-xbieha tal-Kunċizzjoni. Fit-*Tavola* jew il-lista ta' bnadar li ssib f'dan il-kodiċi, taħt in-numru 65 hemm l-i*Stendardo di Battaglia*. Hu tassew sabiħ u ma jistax jonqos, billi l-kopjista tal-kodiċi kellu ħila speċjali f'dak li hu disinn, biżżejjed tara x-xogħol tiegħu bil-pinna fl-ewwel folja li juri r-Reliġjon rebbieħa fuq il-Mislem.[17] Dawn id-disinji joffrulna punt ta' riflessjoni. Illum nassoċċjaw l-ikħal mal-kulur tal-Kunċizzjoni. F'dan il-perjodu, il-kulur ta' dawn l-istandardi kienu differenti u fost il-kuluri kollha li jiddominaw, wieħed isib il-kulur aħmar.

F'dan il-kodiċi tal-Kavallier Spinola, l-istendard hu magħmul kollu mid-damask aħmar u fin-nofs tiegħu hemm il-Kunċizzjoni mdawra kollha kemm hi bir-raġġi, riġlejha jserrħu fuq in-nofs qamar, b'idejha t-tnejn magħqudin flimkien fuq sidirha u b'dijadema ma' rasha. Kif soltu wieħed jistenna l-ilbies tal-Kunċizzjoni hu abjad bl-ikħal. L-istendard li jispiċċa xi ftit għat-tond, għandu madwaru bordura li fiha jidher disinn ħafif tad-deheb.

Mal-Madonna wieħed jista' jara ħames stilel. F'dan id-disinn, li hu akwarell, jidhru dettalji oħra, fosthom l-arblu bil-galletta mżejjen bid-deheb fuq sfond aħmar (Venetian red).[18]



L-istendard di Battaglia bl-immaġni tal-Kunċizzjoni fuq il-kodiċi tal-Kavallier Spinola.

Fil-Biblijoteka tal-Patrijiet ta' Ġieżu l-Belt, wieħed jista' jara kodiċi ieħor tas-sinjali li kien jintuża fuq il-galeri tal-Ordni.[19] F'din il-lista ta' bnadar wieħed isib bandiera li ġġib in-numru 65 u tissejjaħ l-i*Stendardo di Battaglia.* Hawn ukoll għandna xogħol ieħor sabiħ ħafna magħmul minn persuna li kellu kmand tajjeb tad-disinn. Biżżejjed tara l-mod kif jippreżenta l-bandalori mtajrin b'artistrija kbira. Għal darba oħra l-istendard tal-Kunċizzjoni hu mogħti aħmar.



Kopja awtentika tal-istendard li hemm fil-kodiċi li jinsab fil-Biblijoteka tal-patrijiet Ta' Ġieżu fil-Belt magħmul minn Joseph Muscat.

L-istendard hu ta' damask aħmar, imdawwar b'bordura safranija; din hi mżejna b'disinn ħafif ta' girlanda li ddur mal-bordura kollha. Ix-xbieha tal-Kunċizzjoni tidher in-naħa tax-xellug, jiġifieri fil-parti tal-bandiera li hija l-aktar qrib tal-arblu, bil-libsa xi ftit safranija u l-mant ikħal imtajjar bir-riħ. Idejha t-tnejn huma marbutin flimkien fuq sidirha, riġlejha fuq in-nofs qamar u għandha dijadema ma' rasha. Dan l-istendard ukoll qiegħed għat-tond. F'dan l-istendard hemm immaġni oħra barra dik tal-Kunċizzjoni għaliex fuq in-naħa ta' barra tidher l-immaġni tal-Kapitana tal-Ordni bl-istendard mtella' fuqha fuq in-naħa tal-lemin quddiem il-kabina tal-poppa. Din hija immaġni, li anki jekk hija pjuttost żgħira, turi għarfien u dettall impressjonanti għaliex wieħed jista' jara li l-qlugħ mhumiex f'posthom billi l-Kapitana qegħdha irrakkmata f'pożizzjoni li turi li hija lesta għat-taqbida. Mal-pinna tal-antenna tal-majjistra tidher bandiera żgħira, li ma tistax tgħid x'inhi iżda li kienet żgur xi sinjal miftiehem bejn il-ġeneral tal-galeri tal-Ordni u l-kaptani tal-bqija tal-iskwadra. Fuq kollox din tikkonferma li l-immaġni tal-Kunċizzjoni fuq dan l-istendard kienet magħmula minn xogħol sabiħ ħafna tar-rakkmu.[20]

Fil-Biblijoteka ta' Malta l-Belt insibu l-manuskritt 423 li fih issib żewġ folji biss li għandhom x'jaqsmu mal-galeri tal-Ordni;[21] qishom barra minn posthom! Fil-folja 9 ssib is-sinjal numru 65 li juri l-istendard tal-battalja li x'aktarx hu ta' żmien il-Gran Mastru Pinto. Għal darba oħra, dan għandu l-immaġni tal-Kunċizzjoni fuqu. Bħal ta' qablu, il-Kunċizzjoni ma kinetx fin-nofs tal-bandiera iżda mqiegħda fil-parti tal-bandiera li tiġi fuq in-naħa tal-arblu. Għalhekk fuq din il-bandiera ukoll, il-Kunċizzjoni tinqata' għaliha billi hi qiegħda f'bħal speċi ta' kwadru mdawra bir-raġġi. Idejha magħqudin flimkien fuq sidirha, riġlejha jserrħu fuq in-nofs qamar, bil-libsa bajda u l-mant ikħal iżda ma tidhirx dijadema ma' rasha. In-naħa ta' barra tal-istendard jidhru żewġ armi b'kuruna miftuħa fuq kull waħda minnhom. L-arma tax-xellug turi dik tar-Reliġjon jiġifieri s-salib abjad fuq sfond aħmar waqt li dik tal-lemin hi waħda tal-Gran Mastru Pinto. L-istendard għandu bordura safra mżejna b'disinn sempliċi. Dan l-istendard kien xogħol




Kopja awtentika magħmula tal-istendard li jidher fuq il-kodiċi marittimu fil-Biblijoteka numru 423.

ieħor ta' irrakkmar mill-isbaħ li bħal kull stendard ieħor ikun juri l-ħsieb tal-ġeneral tal-galeri li jordnah u d-devozzjoni tiegħu lejn Marija Konċetta.

Fl-istess biblijoteka nsibu manuskritt ieħor li jagħtina tagħrif fuq stendardi bl-immaġni tal-Kunċizzjoni. Dan hu manuskritt 627 u jikkonsisti f'ġabra ta' akkwarelli, x'aktarx ta' ċertu Zimelli, awtur li ftit li xejn nafu dwaru. Dan l-akkwarell juri l-kapitana tal-Gran Mastru Pinto.[22] Mal-pinna tal-antenna tal-majjistra tidher bandiera speċjali li turi l-Kunċizzjoni bil-libsa bajda u mant ikħal, bid-dijadema ma' rasha, riġlejha jserrħu fuq in-nofs qamar u b'idejha palma ma' palma fuq sidirha. Il-bandiera għandha bordura d-dawra kollha u jista' jkun li kienet magħmulha minn damask bil-bordura safra. Ħaġa kurjuża hi t-tarf ta' din il-bandiera għaliex hu wieħed għat-tond; normalment it-tarf ta' bandiera hu wieħed kwadru. Din il-bandiera tfakkarna fl-istendard li rajna fil-kodiċi li jinsab fil-biblijoteka ta' Ta' Ġieżu tal-Belt. Biss wieħed irid jgħid li l-pożizzjoni ta' din il-bandiera hija stramba ħafna għaliex normalment f'dan il-post, jiġifieri l-pinna tal-antenna kienet tittella' il-bandiera tal-Ordni f'mumenti biss ta' ċelebrazzjoni bħal ma juri d-disinn riprodott fuq tal-galera maġistrali ta' żmien il-Gran Mastri, Nikola u Raffaele Cottoner jew xi bandiera oħra tas-sinjali iżda mhux l-istendard tal-battalja.

Il-kittieb Franċiż Barras De La Penna jitkellem dwar *lo Standardo di Battaglia* fil-ktieb tiegħu dwar il-galeri ta' Franza u jġib stendard bl-immaġni tal-Kunċizzjoni fuqu.[23] Jidher li l-istendard kien għal darba oħra magħmul minn damask aħmar u għandu bordura mdeħba madwaru, għandu l-Kunċizzjoni mdawra bis-sħab u bir-raġġi ħerġin minn madwarha. Il-Madonna tidher b'idejha palma ma' palma fuq sidirha, riġlejha fuq in-nofs qamar u l-libsa bajda bil-mant ikħal. Ix-xagħar tal-Madonna xi ftit twil jidher jittajjar lura wara spallejha bir-riħ. Jidher li Barras De La Penna ma kienx midħla tal-ikonografiji sagri billi rrefera għal dan l-istendard bħal li jirrappreżenta lill-Assunta.[24]



**Dettall ta' kif tidher il-bandiera tal-Kunċizzjoni fl-akwarell ta' Zimelli.**

Dan l-istudju jurina li mhux il-kavallieri biss kienu jużaw il-Kunċizzjoni fuq l-istendard tagħhom iżda pajjiżi oħra tal-Mediterran, fosthom Franza, kienu jemmnu l-istess ħaġa u jagħtu l-istess tifsira lil din l-immaġni waqt li jitolbu lill-Kunċizzjoni biex tipproteġihom waqt it-tbaħħir.

F'Cortona l-Italja hemm il-Bażilika ta' Santa Margerita u fiha wieħed jista' jara l-istendard tal-Balliju Fra Filippu Marucelli li juri x-xbieha barokka tal-Kunċizzjoni, il-ġmiel tagħha. Marucelli ta servizz hawn Malta u laħaq bħala kaptan tal-galera *San Luigi* fil-10 t'Awwissu 1728[25] u fil-5 ta' Novembru 1748 laħaq ġeneral tal-galeri tal-Ordni.[26] Dan Marucelli ħalla l-istendard tiegħu fil-Bażilika ta' Santa Margerita ġo Cortona fl-1752.[27] L-istendard hu magħmul minn damask aħmar, għandu bordura d-dawra kollha li turi rikkezza ta' disinn imdieheb. Il-Madonna li qiegħda n-naħa tal-arblu hi verament artistika u tidher bil-libsa bajda bil-mant ikħal imtajjar mar-riħ u b'velu fuq rasha mdawwar bi stellarju; riġlejha jgħattnu ras is-serp waqt li jserrħu fuq in-nofs qamar. Fin-naħa ta' barra tal-istendard hemm l-arma tal-familja ta'



**L-istendard tal-battalja bl-immaġni tal-Kunċizzjoni kif ripprodot minn De La Penna.**

Marucelli sabiħa wisq b'kuruna miftuħa fuqha u bi bnadar tar-Reliġjon u oħrajn malġnub. U biex ma jkunx hemm l-iċken dubju li kien stendard ta' fuq il-galeri tidher ankra speċifika b'erba' frieghi li tidher wara l-arma tal-familja. Dan hu stendard tassew sabiħ maħdum b'rakkmu fin; ix-xbieha tal-Kunċizzjoni tidher li hi xogħol ta' xi artist tajjeb ħafna. Dan hu każ mill-ħafna ta' kif oġġetti li kellhom xi kavallieri kienu jeħduhom magħhom meta jmorru lura lejn pajjiżhom.



L-istendard tal-battalja bl-immaġni tal-Kunċizzjoni li jinsab f'Cortona l-Italja.

Ritratt: John Cassar



Dettall mill-Ventartal

Teżisti ikonografija oħra ta' stendard tal-galeri li juri l-immaġni tal-Kunċizzjoni. Din hija immaġni mpittra fuq stendard li sar riċentament. Hawnhekk għandna każ ta' *heritigisation* jiġifieri l-proċess fejn jinħolqu festivals jew oġġetti ta' natura storika anki jekk dawn fil-fatt ma jkunux oriġinali. Dan l-istendard ġie maħluq fuq deskrizzjoni li teżisti ġewwa manuskritt li jinsab fl-arkivju tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u li jsemmi l-istendard li kellu l-ġeneral tal-galeri tal-Ordni ta' San Ġwann, il-balliju kapitolari, Fra Antonio Martino Colbert. Hu ħa l-kariga tiegħu fit-30 ta' Settembru 1681[28] u normalment ġeneral kien jibqa' f'dik il-kariga tal-inqas sentejn. Dan il-ġeneral kien bin il-famuż ministru Franċiż ta' Lwiġi XIV, Giambattista Colbert. Colbert kien għamel żmien ukoll bħala segretarju privat tal-Kardinal Mazzarino.[29] Fra Antonio Martin Colbert kellu l-fortuna li jieħu għadd sabiħ

ta' prejjeż tal-Mislem.[30] Dan jispjega għaliex kien hemm dan it-tentattiv li jiġi rikreat l-istendard tiegħu.

Din l-kopja ta' dan l-istendard saret għall-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Biss wieħed irid jgħid li dan l-istendard ta' Colbert ma jsegwix il-versjoni storika iżda hu xogħol dilettantesk ta' żmien il-Kappillan Zarb. Billi fid-dokumenti tal-parroċċa hemm referenza[31] għal dan l-istendard, il-Kappillan Zarb ordna wieħed kif interpretah hu. Anki d-dedika li tidher fih fuq in-naħa ta' barra tiegħu hija vvintata mill-istess kappillan. Il-pittura fuq dan l-istendard kienet saret minn Rafel Bonniċi Calì.

Id-dokument tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar jsemmi li dan l-istendard ta' Colbert kellu l-immaġni tal-Kunċizzjoni, ta' San Ġwann Battista u tliet armi. Kienet id-deċiżjoni ta' Zarb u Bonniċi Calì li jpinġi dan l-istendard ta' lewn ikħal. Dan il-kulur ma jaqbel xejn mal-oħrajn antiki li dejjem kienu ħomor, lewn li jaqbel mat-tifsira ta' periklu jew ta' gwerra. Jista' jkun li Zarb għażel l-ikħal għax dan jaqbel mal-ikonografija tal-Kunċizzjoni kif saret magħrufa speċjalment wara d-dehra tal-Madonna lil Bernardina fl-1854 meta fl-aħħar dehra tagħha qaltilha Hija verament min kienet, jiġifieri l-Immakulata Kunċizzjoni. Bonniċi Cali rrappreżenta lil Kunċizzjoni fi profil voldieri mill-ġenb tal-lemin b'idejha miftuħin qed tilqa' jew tiddefendi lil San Ġwann Battista għarkupptejh quddiemha, riġlejha fuq in-nofs qamar u bi stellarju ma' rasha. Il-Madonna u San Ġwann qed iserrħu fuq sħaba. Wieħed jara l-istendard tal-Ordni fil-protezzjoni ta' San Ġwann Battista u l-Madonna. L-armi li jidhru huma dawk ta' Caraffa, tar-Reliġjon u ta' serp wieqaf li ma nafx it-tifsira tiegħu.[32] Taħt l-armi u lejn it-tarf tal-istendard tidher skrizzjoni bil-Malti. Kwalinkwe skrizzjoni kienet għal kollox barra minn postha fi stendard ta' kapitana.

Fuq kollox, fl-ebda stendard tal-galeri kemm f'dawk tal-Ordni u anki f'oħrajn ta' nazzjonijiet oħra, il-Kunċizzjoni ma hija mogħtija fi profil. Anki l-kulur tal-ilbies hu problematiku f'dan il-kwadru. Il-libsa tal-Madonna hi bajdanija għal kollox u tagħti dehra eterea tagħha. Fil-każ tal-ikonografija tal-Kunċizzjoni aħna mdorrijin bl-ilwien abjad u ikħal tal-libsa. Ħarsa lejn San Ġwann Battista, ippreżentat bħala żagħżugħ fuq




**L-istendard tal-battalja magħmul fl-1954 biex jitfakkar stendard antik mogħti lis-Santwarju tal-Grazzja minn Fra Antonio Martino Colbert.**



Id-drapp tal-ventartal li hemm Bormla li kien oriġinarjament stendard tal-purċissjoni.

irkoppa waħda, għandu f'idu l-leminija l-bastun li n-naħa ta' fuq jispiċċa bix-xbiha ta' salib u b'idu x-xellugija qiegħed iżomm mudell ta' dak li jidher qisu galera tal-kavallieri. Ma teżisti l-ebda xbieha oħra ta' San Ġwann Battista li f'idu taralu mudell ta' galera.

Naħseb li l-ventartal antik li hemm Bormla bl-immaġni tal-Kunċizzjoni għandu jiġi studjat f'dan il-kuntest ta' dawn l-istendardi tal-gwerra. Hawn wieħed irid jgħid mill-ewwel, li dan l-istendard ta' Bormla ma jidhirx li qatt kien xi stendard tal-galeri. Li hu żgur hu li dan id-drapp ta' dan il-ventartal hu antik ħafna. Probabbilment, mill-istil tiegħu, hu kien jagħlaq għat-tond u ma kienx wieħed b'żewġ ponot kif jagħlqu l-istendardi llum. Dan l-istil ifakkrek fi stendardi li ġa ltqajna magħhom fil-manuskritt li hemm fil-kunvent Ta' Ġieżu l-Belt u dak tal-Biblijoteka.

Dan l-istendard għandu numru ta' motivi li jfakkru *lo stendardo di battaglia*. Il-Madonna fuq dan l-istendard antik ta' Bormla issegwi l-ikonografija ta' lo stendardo di battaglia. L-idejn palma ma' palma qegħdin fuq sidirha, riġlejha jagħfsu fuq is-serp u n-nofs qamar. Anki r-raġġiera tagħha hu motiv li wieħed jiltaqa' miegħu fuq dawn l-istendardi marittimi. Imbagħad hemm ix-xebħ fil-forma waqt li l-irrakkmar tal-weraq mad-dawra tiegħu jkomplu jsaħħu dan ix-xebħ. Wieħed irid iżid li dan l-irrakkmar huwa wieħed oriġinali.

Hemm imbagħad fatturi oħra li wieħed ma jsibhomx fl-istendardi tal-galeri bl-immaġni tal-Kunċizzjoni. F'dan l-istendard, il-Madonna tidher imdawra b'raġġi tad-deheb mal-figura kollha. Iżda din ir-raġġiera hija partikolari ħafna. Anki l-libsa tal-Madonna u n-nofs qamar huma kemmxejn partikolari. F'dan l-istendard ta' Bormla, il-qamar hu mogħti bil-qrun iħarsu l-isfel. Il-pożizzjoni tal-qamar fuq l-istendardi tal-battalja hu dejjem mogħti iħares 'il fuq.

In fatti, ċerti dettalji fuq dan l-istendard ta' Bormla ifakkruk fil-kwadru ta' Guadalupe. Wieħed irid jgħid li din il-Madonna magħrufa bħala ta' Guadalupe hija fil-fatt il-Kunċizzjoni. Biss kienet immaġni li bħal ta' Bormla ġiet imqiegħda fuq stendard u baqgħet magħrufa bħala l-Verġni ta' Gaudalupe, meqjusa llum bħala l-padruna tal-kontinent Amerikan. Skont it-tradizzjoni, il-Madonna dehret fuq il-libsa ta' wieħed indiġinu li kien bidwi fqir, ċertu Juan Diego, fuq l-għolja ta' Tepeyaċ viċin il-belt tal-Messiku fit-12 ta' Diċembru 1531.

Din l-immaġni tal-Madonna, mqiegħda viżibbilment bl-istess attribuzzjonijiet tal-Kunċizzjoni, tintuża mill-Messiku fil-ġlieda tagħhom għall-Indipendenza u titqiegħed fuq l-istendardo di battaglia fl-1810. B'hekk saret ukoll simbolu tat-taqbida kontra Spanja biex il-pajjiż jikseb l-indipendenza tiegħu.[33] F'dan l-istendard Messikan, il-Madonna tidher b'libsa rosa u mant ikħal. Idejha huma magħqudin palma ma' palma fuq sidirha b'riġlejha jserrħu fuq in-nofs qamar; isfel taħt il-qamar hemm anġlu bil-ġwienaħ miftuħin u b'idejh it-tnejn merfugħin 'l fuq iżommu l-libsa tal-Madonna. Ta' min jinnota li r-raġġi ta' madwar il-Madonna jispiċċaw b'bordura ħamra dawramejt u huma imserpa bħal dawk li jidhru fuq dan l-istendard antik ta' Bormla li llum qed iservi bħal ventartal. Ir-raġġiera tal-Madonna fuq l-istendard ta' Bormla hija l-istess bħal dik ta' Guadalupe. Fuq kollox, il-Madonna ta' dan l-istendard antik ta' Bormla tidher li ssegwi fil-kuluri ta' ħwejjiġha dawk ta' Guadalupe għaliex ta' lewn lejn il-vjola bil-mant ikħal imtajjar u velu ma' rasha. Ix-xogħol tar-rakkmu llum tilef ħafna mir-rikkezza tiegħu mħabba ż-żmien li għadda minn fuqu.


**L-immaġni tal-Kunċizzjoni ta' Guadalupe.**

Iżda dan l-istendard ta' Bormla juri tluq minn dawk użati fuq il-galeri, maħsuba biex jirrappreżentaw lill-Madonna f'mument ta' ġlied u allura il-kulur tad-drapp magħżul ma kienx aħmar. F'dan il-każ, id-drapp magħżul hu abjad. Min għamlu ried jibgħat messaġġ ta' sliem. Anki l-materjal tiegħu ivarja ftit minn dak użat għal dawn l-istendardi. Dan l-istendard antik ta' Bormla hu magħmul mill-ħarir. Dan it-tip ta' drapp kien użat għal dawn l-istendardi, biss ma kienx dak ideali. L-aktar drapp użat kien dak tad-damask li hu drapp aktar b'saħħtu u li jiflaħ aktar għall-elementi tar-riħ.

Għalhekk hu wisq aktar il-każ, li dan ġie maħsub mill-ewwel biex ikun stendard ta' purċissjoni u allura intuża espressament il-kulur abjad, kulur li fil-liturġija u paraliturġija tal-knisja hu simbolu tal-messaġġ ta' paċi; biss min għamlu seta' kellu f'moħħu l-istendardi tal-galeri. Għalhekk, wieħed ma jeskludix li seta' sar bħala wegħda. Jista' jkun li xi darba kien ġie mogħti stendard tal-battalja tal-Ordni lil din il-knisja bħala xi wegħda li tkun saret fuq il-baħar u dan sar bħala kopja tiegħu. Jista jkun li min għamlu kien qed ikun ispirat minn xi stendard tal-battalja li turi l-immaġni tal-Kunċizzjoni. Wieħed irid jgħid li numru ta' Bormliżi kienu jaħdmu bħala baħħara fuq il-galeri tal-Ordni. Li hu żgur hu li min għamlu riedu espressament ikun fuq l-istess qies u forma ta' *lo stendardo di battaglia*. Uża l-istess mottiv tar-rakkmu li dawn l-istendardi kellhom u li eventwalment isir motiv komuni wżat fl-istendardi tal-fratellanżi kollha tal-gżira. Fuq kollox jista' segwa l-mudell tal-istendard ta' gwerra magħruf bħala ta' Guadalupe u allura, f'dan il-kuntest, dan ta' Bormla jista' jiġi ddatat għall-ewwel nofs tas-seklu dsatax.

Hija ħasra li hawn Malta ma baqax wieħed minn dawn l-istendardi tal-battalja li fil-

*ikompli f'paġna 72*

*ikompli minn paġna 69*

Mediterran kollu kien inissel biża' fl-għadu u rispett minn kull qoxra tal-baħar Nisranija. Għalhekk dan il-ventartal jieħu importanza għaliex hu l-uniku oġġett storiku li għad fadlilna li jfakkarna f'dawn istendardi li kienu jintużaw fuq il-galera prinċipali tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta, kif jgħidu manuskritti antiki *in segno di combattimento*.

**Referenzi**


[1] E. Inglefield, *Flags*, London 1979, 22.

[2] Ara N. Aubin, *Dictionnaire de Marine*, Amsterdam 1702, 601; ma kienx hemm regola fissa, ara wkoll S.G. Gorgoglione, *Portulano del Mediterraneo*, Napli 1705, 118, 119.

[3] *Ordini e Segni cosi per la navigatione che per il combattimento da osservarsi dalla squadra delle Galere della Sacra Religione Gierosolimitana, sotto il Comando degl'Illustrissimi et Venerandi Signori capitani Generali delle medesime Galere;* sinjal numru 65. Dan il-manuskritt jinsab fil-Biblijoteka ta' Ta' Ġieżu l-Belt għalhekk meta meħtieġ 'l quddiem li nsemmu dan il-manuskritt insemmu biss Ta' Ġieżu.

[4] *Regula Hospitalariorum et Militiae ordinin Sancti Ioannis Baptistae Hierosolymitani,* Rome 1556, f.2r.

[5] L. De Caro, *Storia dei Gran Maestri e Cavalieri di Malta,* Malta 1853, 43 u Prefazione IV.

[6] B. Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione di Malta*, Verona 1703, i, 744.

[7] Kull filgħodu ma' tlugħ ix-xemx kull galera jkollha baħri fuq l-arblu biex iħares fil-bogħod. Dik l-azzjoni kienu jgħidulha *Fare la penna*; ara AOM 1770, f.240v.

[8] MMM *Segni che fa la Capitana in tutti li occasioni su la Squadra delle Galere, della Sacra Religione Gerosolimitana, tanto di giorno, che la notte, tanto alla vela che alla fonda;* sinjal numru 65. 'Il quddiem dan il-manuskritt nirreferu għalih bħala *Capitana*.

[9] AOM 1771, f.126.

[10] NLM 726, f. 100. *Bandiera di Santa Barbara sul calcese di trinchetto.*

[11] *Segni I Quali Sosservano Su La Squadra Delle Galere Della Sacra Religione Gerosolimitana*; sinjal numru 65 juri salib u mhux il-Kunċizzjoni. Billi dan il-kodiċi ta' sinjali juri l-arma tal-Gran Mastru Pinto 'l quddiem nirreferu għalih bħalha kodiċi ta' Pinto.

[12] *Ordini e Segni cosi per la navigazione che per il combattimento da osservarsi dalla Squadra Delle Galere della Sacra Religione Gierosolimitana sott' il comando dell' Illustrissimi et eccelentissimi Signori Capitani Generali delle medesime Galere*; Biblioteca Reale, Turin numru 74. 'Il quddiem dan il-manuskritt nirreferu għalih bħala Turin.

[13] NLM 110, numru 66.

[14] Ara nota 11 supra.

[15] NLM 110, numru 68.

[16] Raffaele D'Amato, "The Gazmouloi, Tzakones and Prosalentai, last marine elite of Byzantium: a proposed reconstruction of their equipment in 13th and 14th century AD". Paper moqrija f'*The Third Mediterranean Maritime History Network (MMHN).* Konferenza li saret taħt l-awspiċju tal-Istitut tal-Mediterran fl-Università ta' Malta f'Iżmir it-Turkija bejn 4 u 7 ta' Mejju 2010.

[17] MMM *Ordini Dell' Eccellentissimo Baglio Fra Gio. Batta. Spinola Capitan Generale Per Regola della Squadra di Malta circa la Navigazione e Combattimento.* Dan il-manuskritt nirreferu għalih bħal Spinola.

[18] Spinola numru 65.

[19] Ara nota 3.

[20] Ta' Ġieżu numru 65.

[21] NLM 423.

[22] NLM 627 annotat bħala *Fascicolo a colori.*

[23] J. Fennis, *L'oeuvre de Barras de la Penne*, Ubbergen 1998, i. 28.

[24] J. Fennis, *Trésor du language des galères*, Tübingen 1995, ii, 878, s.v. *Étendard De Combat.*

[25] M.U. Ubaldino, *La Marina del Sovrano Militare Ordine de San Giovanni di Gerusalemme di Rodi e di Malta*, Rome 1970, 583.

[26] Ibid., 559.

[27] Aiotti, G.T. *Il Gran Maestro Tommasi e l'Ordine di Malta a Cortona*, Perugia 1995

[28] Dal Pozzo ii, 486; ara wkoll Ubaldini, 440, nota 3.

[29] Ubaldini, 440, nota 3. Ara wkoll Engel, Histoire, 242, 243, 244.

[30] NLM 16, f.467.

[31] Arkivju Parrokkjali Ħaż-Żabbar, 'Memorie delle cose appartenenti all S. Parr. Chiesa ed alle chiese filiali di Casal Zabbar dall'anno 1679 sino 'anno 1780,' ff.1-18. Ir-referenza ssemmi: stendard tal-ġeneral Colbert bix-xbieha tal-Madonna Kunċizzjoni u ta' San Ġwann Battista u bi tliet armi. Ħajr lil Joseph Theuma li għaddieli ritratt u l-informazzjoni meħtieġa.

[32] NLM 627, f.34 juri l-unika arma tal-familja li turi serp wieqaf iżda m'għandhiex x'taqsam ma' Colbert iżda ma' Fra Fabritius Maria Vicecomiti.

[33] Inglefield, 30, 50.





*Beautiful Nails that work for you*

**Diane Ghiller** QUALIFIED NAIL TECHNICIAN

17, Cospicua Gate, Cospicua
Mob: 7970 4317 Email: sunflower82cc@hotmail.com

- Nails Extension: Gels, Acrylic, Fibre & Resin
- Gels / Acrylic on Toes
- Wraps
- Nail Arts & Nail Piercing
- Manicures & Pedicures
- Natural Nail Care
- Eyebrow & Upperlip Waxing
- Eyebrow & Eyelash Tint
- Makeup for all occasions
- Wedding Packages also available

SIMONS
FASHION STORES
REGENCY HOUSE

**Fejn issibu varjetà ta' qomos, żraben, ilbies u ħafna affarijiet oħra għas-sajf.**

COSPICUA 2782 0021 – 2789 8307
VALLETTA 2122 2931
ĦAMRUN 2723 1821 – 2724 0849
BIRKIRKARA 2744 8992